**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 28 ta' Ottubru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**
**(Spettur Lara Butters)**
**(Spettur William Scicluna)**
**-vs-**
**Conrad Pisani, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 52077M.**

Kumpilazzjoni Nru. 329/2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Conrad Pisani talli:

F'dawn il-gżejjer, f'Awwissu 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda:

1. sabiex jikseb xi vantaġġ jew beneficcju għalih nnifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
2. xjentament għamel użu minn xi dokument falsifikat;
3. assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt (dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz) f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa; u
4. Xjentement għen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien ġie ppreparat jew ikkunsmat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni akkuza hija alternattiva ghal-ewwel akkuza u li r-raba akkuza hija alternattiva ghat-tielet akkuza, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u r-raba akkuzi.

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2016, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali xejn inkwetanti tal-imputat, kif ukoll tan-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti:
Wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 48A, u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tar-raba imputazzjonijiet, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax il-xahar li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett snin millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**